Dr Emmanuel Mallia

# L-Etika Fil-Professjoni Legali[1]

Hafna minnkom huma l-avukati ta' ghada. Ohrajn minnkom, forsi diga' bhalna, jappartjenu lill-professjoni legali. Kollha kemm ahna ghandna d-dmir li nharsu l-isem tajjeb tal-professjoni.

Meta fil-qadi tad-dmirijiet professjonali taghna, xi avukat jonqos milli jhares skrupolozament, ir-regoli ta' etika, hu jkun fl-ewwel lok qed jaghmel hsara lilu nnifsu, u fit-tieni lok, ikun ta' pregudizzju ghall-professjoni, peress illi jkun qed inaqqas serjament il-fiducja pubblika li l-istess professjoni legali ghandha tgawdi.

Ghaliex tali avukat ikun qed jaghmel hsara lilu nnifsu? Apparti dawk il-konsegwenzi statutorji u legali li jista' jirrinfaccja, dak l-avukat ikun qed jibni ghalih, mhux fama izda notorjeta'. Il-kelma "etika", derivata mill-kelma Griega "*ethos*", fl-ewwel lok tirrigwarda il-komportament uman, u fit-tieni lok tirrigwarda l-valuri u "*standards*" relatati ma' l-istess komportament. Hu fatt, illi persuna tigi soggetta kontinwament ghall-gudizzju valutattiv ta' persuni ohra. Il-gudizzju etiku, tradizzjonalment, hu karatterizzat bil-mod kif ahna ngiebu ruhna ma' l-ohrajn. Ghalhekk l-istudju ta' l-etika hu maghmul minn principji jew "*standards*" li persuna taddotta, sabiex tasal ghall-gudizzju etiku fuq persuna ohra. Fl-isfond tas-suggett li qed niddiskutu, dan ifisser illi dan il-gudizzju etiku isir minn haddiehor fuq l-avukat, skond kif dan jikkonduci l-hajja professjonali tieghu f'kull aspett.

Il-fama ta' avukat ma tinkisibx biss ghax dak l-avukat ikun studjuz tal-ligi, b'hekk li ikun Ippreparat ghall-kazijiet tieghu. Dan hu aspett ferm importanti, izda l-gudizzju etiku isir fuq l-assjem tal-komportament professjonali ta' l-avukat. Huma ugwalment importanti l-aspetti tar-relazzjoni etika bejn l-avukat u l-klijent tieghu, tar-relazzjoni etika bejn l-avukat u l-kollegi avukati tieghu, kif ukoll l-aspett ta' rispett, lealta' u relazzjoni etika bejn l-avukat, li hu ufficjal tal-Qorti, u l-istess Qorti li jidher quddiemha.

L-avukat ghandu dejjem jaghti l-ahjar servizz lill-klijent tieghu. Sabiex jaghmel dan, hu ghandu jkun ippreperat, ghandu jistudja l-kaz li jkun gie fdat f'idejh, u jkun studja l-principji legali involuti fil-kaz. Hu zball kbir, jekk xi hadd jahseb illi l-fatt illi jkun iggradwa mill-Universita' u nghata l-"*warrant*" sabiex jezercita l-professjoni, illi allura m'ghandux bzonn jistudja aktar. Ir-risposta ghad-domanda jekk avukat ikunx studja sewwa l-kaz li jkun gie fdat lilu, itiha, fl-ewwel lok, l-istess avukat. L-avukat ikun jaf jekk ippreparax lilu nnifsu sew ghall-kaz. Ihoss, go fih, jekk xi ezami ta' xhud, xi trattazzjoni quddiem il-Qorti jew xi seduta fuq xoghol estragudizzjarju, ikunx ikkonduciha bl-ahjar abbilta' tieghu jew le, u jekk le li r-raguni ghal tali disfatta hi ghax kellu jkun ippreparat ahjar. Ma hemm xejn aktar umiljanti milli thossok taqa' ghac-cajt, billi ma tkunx studjajt jew ippreparajt kaz sew.

Jekk avukat ikunx studja l-kaz tieghu u jkun ippreparat, jigi nnotat ukoll mill-Gudikant, mill-klijent u minn min ikun jisimghek fl-Awla jew il-post fejn tkun. U jekk tali avukat jibqa' jippersisti b'dan l-attaggjament traskurat illi "*kollox jghaddi, ghalfejn nipprepara u nistudja l-kazijiet*", malajr tigri l-kelma, tibda tigi kalkolat bhala avukat ta' l-ahhar kategorija, u ma tgawdix minn dak ir-rispett professjonali la minn shabek, la mill-Gudikanti u lanqas mill-klijenti, jekk ikun fadallek.

Mhux l-istess ikun il-kaz jekk l-avukat jibni ghalih fama illi hu jkun ippreparat ghall-kazijiet tieghu. Fl-ewwel lok, tali avukat ihoss soddisfazzjon personali, il-klijent japprezza tali servizz prestat u hafna drabi jikkongratulah; shabu li jkunu fl-awla qeghdin jisimghuh ikunu favorevolment impressjonati (hlief dawk li jaraw b'gelozija professjonali "*their failure in your success*") u l-Gudikant jinduna illi l-avukat ikun studja sew il-kaz. Maz-zmien, minn esperjenza ta' kaz ghall-iehor, tali avukat ikun qed jibni fama ghalih innifsu u ghall-prattika professjonali tieghu. Is-success ma jigix, kif forsi jahsbu xi whud, minn serje ta' kumbinazzjonijiet. Is-success ta' karriera professjonali jigi mill-istudju tal-ligi, minn hafna sagrificcji u minn dedikazzjoni shiha fix-xoghol professjonali tieghek.

Diego Maradona kien "player" tal-"football" hafna tajjeb. Ma hemmx dubju dwar dan. Izda dan ma jfissirx illi Maradona kien ragel tajjeb. Kif diga` rajna, mhux biss l-avukat ghandu jibqa' studjuz assidwu tal-ligi, izda wkoll illi l-komportament tieghu ikun etiku versu l-klijenti tieghu, il-kollegi tieghu u l-Qorti.

Fil-fatt jiena gejt mitlub mill-Law Society, illi nindirizzakom dwar l-etika ta' l-avukat fir-relazzjonijiet tieghu ma' avukati ohra u fir-relazzjonijiet tieghu mal-klijenti.

Nibda minn ta' l-ahhar, cioe' il-valuri u regoli etici fir-relazzjoni ta' l-avukat mal-klijent. Hafna mill-ezempji li nista' nsemmi, jistghu ikunu frott ta' esperjenzi personali tieghi. Fil-bidu tal-karriera tista' facilment taqa' f'certi trappoli. Nispera illi din il-"paper" tghin biex jiftiehmu ahjar certi principji ta' etika professjonali.

## 1. Principji ta' Etika rigwardanti ir-relazzjoni bejn l-avukat u l-klijent tieghu.

### [1.a] Kif jigu accettati l-inkarigi.

Fil-prattika gieli jigri, illi jigik xi hadd l-ufficcju, sabiex isaqsik ghal xi parir legali li jkollu bzonn haddiehor. Hawn trid toqghod attent. Jekk il-parir ikun fuq principji generali tal-ligi, ma hemm xejn hazin li dan il-parir legali jinghata. Xi minn daqqiet, pero', il-persuna li tigi titolbok parir ghal haddiehor, ikollha skopijiet ulterjuri. Tibda ittik ipotezijiet b'fatti u cirkostanzi ta' kaz illi tkun diga' involut fih ghan-nom tal-klijent tieghek. L-iskop tal-persuna illi tkun baghtet lill-iehor sabiex tiehu dak il-parir, ikun biex issir taf kif tahsibha inti fuq il-kaz, illi possibilment hija tkun involuta fih mal-klijent tieghek. L-ahjar haga li sibt meta f'kaz bhal dan il-parir mitlub mill-mandatarju ikun wiehed specifiku ghal fatti specifici, hu li titlob lil dik il-persuna illi jkun ahjar illi tkellem lil vera klijent, ghaliex hu jkun jista' jtik il-fatti ezatti.

Jigri wkoll illi jista' jigik l-ufficcju persuna illi, flimkien ma' ohrajn, ikollu interess fil-parir li jkun qed jitolbok, pero' jinformak illi l-ohrajn ikunu baghtu lilu peress illi ma setghux jigu l-ufficcju. F'dan il-kaz, il-parir ikun jista' jinghata, pero' jekk l-avukat ikun ser jipprezenta xi att gudizzjarju ghan-nom ta' dawk l-ohrajn li ma jkunux gew l-ufficcju, hu rakkomandabbli illi dawk l-ohrajn li ghan-nom taghhom ikun ser jagixxi, jifformalizzaw l-inkarigu li jkunu qed ituh. Jekk dan ma jsirx, jista' jkollok xi persuna, illi fil-futur, ghall-skopijiet taghha, tghid illi hi qatt ma tkun taghtek dak l-inkarigu.

Jista' jkollok ukoll persuni illi ma tkunx tafhom, jiguk l-ufficcju jew isibuk il-

Qorti sabiex tiffirmalhom ir-ritratti u formoli tal-passaporti, jew xi applikazzjoni tal-licenzja tas-sewqan. Jibdew ighidulek illi l-mama' tieghek tafhom sew u illi huma jafuk zghir. Jekk ma tkunx tafhom ghall-perjodu stabbilit mir-regolamenti legali, m'ghandek qatt tiffirma tali formoli. Dawn jibqghu jiffittawk, pero' ghandek tispjegalhom, bil-prudenza, x'tghid il-ligi, u li ma tkunx serju, etiku u professjonali jekk taghmel dan.

Jista' jigik xi hadd l-ufficcju illi jkun qed jitolbok sabiex tiffirma dokument bhala xhud tal-firma u identita' ta' xi hadd, meta dak ix-xi hadd ma jkunx prezenti u ma jkunx qed jiffirma quddiemek. Din it-talba ghandha tigi dejjem rifjutata, anke jekk tkun taghraf sew il-firma in kwistjoni jew dak ix-xi hadd tkun tafu. Ir-raguni ghaliex m'ghandek qatt taghmel dan, hi ovvja.

Regola 1, Kapitolu 2 tal-Kodici ta' Etika u Mgieba ghall-avukati jistabilixxi l-principju generali illi avukat hu liberu, jaccettax jew le inkarigu minn klijent partikolari. Bir-rispett, nahseb illi avukat ghandu jkollu raguni legittima ghalfejn jirrifjuta illi jaghti s-servizzi legali tieghu lill-klijent partikolari illi jkun lest ihallsu ta' tali servizzi. Jekk, per ezempju, l-avukat jinduna illi xi inkarigu jista' jgib mieghu ksur tal-ligi jew tal-Kodici ta' l-Etika, wiehed jifhem illi avukat ghandu jirrifjuta l-inkarigu. Izda meta ma jkunx hemm tali impediment legali, hu ferm difficli li wiehed jifhem tali rifjut. F'dan ir-rigward, hafna drabi gie ritenut, illi avukati m'ghandhomx jiddefendu persuni imputati b'certi delitti stipulati fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Jiena, personalment, ma naqbilx ma' min jirritjeni dan, anke meta l-avukat in kwistjoni ikun ukoll politiku. Fl-ewwel lok, il-persuna akkuzata hija prezunta innocenti; fit-tieni lok l-avukat illi qed jiddefendi tali kazijiet ma jfissirx illi hu favur l-abbuz tad-droga; mhux qed jiddefendi d-delitt izda lil persuna imputata b'dak id-delitt. Min qieghed jiddefendi kaz ta' omicidju volontarju, ma jfissirx illi hu favur id-delitt ta' omicidju, izda jfisser illi qed jiddefendi persuna akkuzata b'dak id-delitt, skond il-ligi. Hu veru illi Regola 3 tal-Kodici imsemmi tghid illi:-

> "Avukat ghandu jirrifjuta inkarigu jew m'ghandux ikompli bl-inkarigu meta jaf li ma jistax jaqdih bil-kompetenza u bl-attenzjoni necessarja ghall-kaz."

Din ir-regola, pero', m'ghandix isservi bhala skapattoia sabiex avukat ikollu skuza sabiex ma jaccettax jew ikompli b'inkarigu. Fil-hajja professjonali, tista' tigi mitlub taccetta kazijiet, partikolarment fil-kamp penali, li jkunu ikkrejaw

certa pubblicita‘ avversa fil-pajjiz, jew li l-parti leza tkun persuna importanti jew ta' kariga. L-indipendenza professjonali ta' l-avukat hija sagrosanta, u l-avukat ghandu jkollu l-kuragg illi jekk ma jkun hemm l-ebda impediment legali, li jaccetta inkarigi diffikoltuzi u skabruzi, ikunu kemm ikunu tali, u jkunu x'ikunu l-effetti, li tali persuni lezi jew effettwati jkunu jistghu jikkreawlek bhala konsegwenzi.

Il-Kodici ta' Etika jippostula l-kaz ta' meta socju f'ditta ikun avukat ta' parti, u socju iehor fl-istess assocjazzjoni ta' avukati, ikun avukat tal-parti l-ohra, fl-istess kaz. Regola 8 tghid illi tali inkarigu ghandu jigi rifjutat jekk dan jista' jgibu in konflitt ta' interessi ma' socju. Din nahseb li hija l-pozizzjoni korretta, ghaliex il-klient ghandu jkun f'pozizzjoni illi f'mohhu ma jidhollu qatt id-dubju illi fl-istess ufficju ta' ditta ta' avukati, jistghu jigu pregudikati xi drittijiet tieghu fil-kaz. Id-ditta ta' l-avukati jista' jkollha, kif normalment ikollha, segretarjat wiehed, u anke dan il-fatt, fih innifsu, jista' johloq problemi ta' kunfidenzjalita‘, li l-klient jistenna minghand l-avukat tieghu.

Punt iehor li l-avukat jiltaqa' mieghu spiss fil-prattika, hu meta klient jigih l-ufficju biex jikkonsulta ruhu dwar kaz li diga‘ jkun gie fdat lil avukat iehor. F'dawn ic-cirkostanzi, avukat mhux dejjem jinduna mill-ewwel illi dan ikun il-kaz, partikolarment, meta l-klient joqghod attent biex ma jtikx hafna dettalji dwar xi jkun diga‘ ghamel gudizzjarjament, biex jara jekk il-parir li jkun tah l-avukat l-iehor, ikunx korrett. Meta pero‘, l-avukat jinduna, u f'hafna kazijiet jista' jinduna facilment, jekk jistaqsi certu domandi, li l-kaz hu f'idejn avukat iehor, hu ma ghandu qatt jaccetta l-inkarigu, jekk ma jkunx cert li l-avukat l-iehor gie mhallas skond il-Ligi, meta ittermina l-inkarigu. Regola 8 tal-Kapitolu 2 tikkrea norma illi f'certi cirkostanzi eccezzjonali, meta hekk titlob l-urgenza, u biex ma jigux pregudikati l-interessi tal-klient, hu jista' jassumi l-inkarigu, basta javza lill-avukat l-iehor. Il-Kamra ta' l-Avukati, fi kwalunkwe‘ kaz, tista', jekk jidhrilha xieraq, li tawtorizza lit-tieni avukat jaccetta l-inkarigu.

## [1.b] Dmirijiet lejn il-Klient matul l-Inkarigu.

Il-klient imur ghand l-avukat ghaliex ikun irid assistenza legali. Hu jkun jaf, li min-natura professjonali, l-avukat ghandu l-obbligu tal-kunfidenzjalita‘. Din il-fiducja ma ghandha qatt tigi tradita, ghaliex din hi proprju l-bazi tar-relazzjoni bejn l-avukat u l-klient. Tant hu hekk, illi bl-Artikolu 642(1) tal-Kodici

Kriminali, l-avukat ma jistax jigi mgieghel jixhed fuq hwejjeg li jkun gie jaf bihom minhabba li l-parti stess ikunu fdaw fil-patrocinju jew konsult tieghu. Din hi protezzjoni li taghti l-Ligi, li qieghda tissalvagwardja li dak li jintqal lill-avukat b'kunfidenzjalita', hu meqjus bhala sigriet professjonali.

F'dan ir-rigward, hemm bzonn illi jigu ccarati certa pozizzjoni li ghandu l-avukat, in vista ta' certi emendi illi saru dan l-ahhar. L-avukat li jkun qieghed f'konverzazzjoni telefonika mal-klient tieghu, li jkun detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, jistghu hemmhekk jissemmghu din il-konverzazzjoni? In vista ta' kaz ricenti, fejn l-Awtorita' tal-Habs irrekordjaw konverzazzjoni bejn detenut u martu, li wara ngiebet bhala prova fil-kaz, jista' jpoggi l-kunfidenzjalita' bejn l-avukat u d-detenut, klient tieghu, f'certu dubju. L-istess ghandu jinghad ghal *telephone tapping*, li f'certi kazijiet hu, illum, legalment permess. Id-domanda hija: jistghu s-servizzi tat-telefon f'ufficju ta' avukat jigu tapped? Ninkoraggixxi lill-Law Society sabiex torganizza dibattitu dwar dan, ghaliex dan serjament jeffettwa l-kunfidenzjalita' professjonali bejn l-avukat u l-klient.

Fil-prattika, jigri illi jista' jkollok klient illi jkun irid jagixxi ta' avukat hu, u jghid lill-avukat x'ghandu x'jaghmel. Il-klient, bhal bnedmin ohra, jista' jkun twajjeb, krudil, ingenwu, makakk jew addirittura, ikollu xi kwalita' negattiva ohra. Ghal tali klienti, l-avukat irid joqghod ferm attent. Ma ghandu qatt jippermetti lill-klient jiddettalu x'ghandu x'jaghmel hu, u x'ghandhom ikunu d-dmirijiet professjonali tieghu, partikolarment meta dak li jkun qieghed jesigi tali klient difficli, ikun illecitu jew sahansitra illegali. Issib, fil-prattika, illi jista' jkollok xi klienti li jiguk l-ufficju, illi jahsbu illi bil-flus jistghu jibnu triq fil-bahar. Jibdew jinsinwaw hafna affarijiet biex ikollhom success fil-kaz taghhom. Lil tali klienti trid iggibhom f'posthom mill-ewwel, u b'fermezza tghidilhom illi dak li setghu kienu jahsbu erroneament, bazat fuq qlajjiet ingustifikati ta' nies irresponsabbli, mhix realta' fis-saltna tad-Dritt.

Jista' wkoll ikollok klienti li jipprovaw ipingulek stampa sabiha, billi jipprovaw joffrulek sehem minn xi ammont li huma jistghu jakkwistaw bhala rizultat ta' rebh tal-kaz. L-avukat qatt m'ghandu jaqa' f'din it-tentazzjoni. Mhux permess, la b'mod dirett u lanqas indirett, li jaghmel ftehim jew stipulazzjoni *quotae litis*.

Il-klient li jitlob l-assistenza legali lill-avukat ikun irid jigi, fl-ewwel lok, mismugh mill-avukat. L-avukat, ghalhekk, ghandu jiddedika l-hin necessarju

ghall-klient, u hafna drabi jkollu l-pacenzja li jisma'. Ghalkemm, f'ghajnejn l-avukat, il-kaz tal-klient ikun jidher insinifikanti, ghall-klient, il-kaz tieghu jkun meqjus minnu bhala importanti. F'artikolu illi deher fl-American Bar Association Journal ta' xi xahrejn ilu, jintqal illi huwa ferm importanti, anke mill-aspett psikologiku, illi l-klient ihossu qieghed jinghata servizz, u jithalla jfisser lill-avukat, fit-tul li jixtieq, il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz tieghu. Hu fatt innegabbli illi hafna drabi, l-avukat, minhabba l-esperjenza li jkollu, ikun jinteressah biss li jigu spjegati lilu, il-fatti rilevanti tal-kaz. Mhux l-ewwel darba, illi l-klient jigi mwaqqaf, billi aktar ikun irid jitkellem l-avukat, milli jisma' lill-klient.

Punt importantissimu f'dan ir-rigward tar-relazzjoni professjonali u etika bejn l-avukat u l-klient, hu dak li jiddisponu l-Artikoli 571(1), u 122 u 123 tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 571(1) jaqra hekk:-

> "Jekk avukat li jkun ha f'idejh id-difiza ta' aktar minn akkuzat wiehed, isib illi d-difiza ta' wiehed jew ta' aktar mill-akkuzati, mhix kompatibbli ma' l-interessi ta' wiehed jew aktar mill-akkuzati l-ohra, hu ghandu jitlaq minnufih id-difiza ta' dak jew ta' dawk mill-akkuzati illi ma tkunx kompatibbli mad-difiza ta' dak jew ta' dawk mill-akkuzati l-ohra li jkun behsiebu jzomm f'idejh."

Meta avukat jinghata l-inkarigu, normalment, anke jekk ikun hemm diversi indagati li sussegwentement jitressqu l-Qorti bhala ko-akkuzati, ikollu biss wiehed illi jkun avvicinah biex jafdalu l-inkarigu. F'dan il-kaz, jekk sussegwentement, ikun hemm wiehed mill-ko-akkuzati l-ohra li wkoll javvicinah biex jassumi l-patrocinju ghalih ukoll, l-avukat ikollu, f'dak l-istadju idea tajba dwar l-akkuzi u l-fatti tal-kaz, u jkun jista' facilment jiddeciedi jekk hemmx konflitt ta' interess jew le. Jista' jigri, pero', illi l-familjari ta' l-indagati, li allura f'dak l-istadju jkunu detenuti, imorru l-ufficju ta' l-avukat, f'daqqa. Jekk ma jmorrux f'daqqa, ma tinqala' l-ebda problema, ghaliex normalment, li jigri hu, li min jigi jikkonsultak l-ewwel, izzomm lilu bhala klient u mhux lill-ohrajn. Meta jigu, pero', f'daqqa, ikun opportun illi l-avukat jispjega, sa minn dak l-istadju, li jista' jkun hemm konflitt ta' interess.

L-avukat fil-bidu tal-karriera tieghu jista' jaqa' fit-tentazzjoni illi ggaghlu jaccetta, ghall-gwadann finanzjarju, aktar minn ko-akkuzat jew klient wiehed, minghajr ma jifli sew jekk ikunx hemm realment konflitt ta' interess. L-avukat

ghandu dejjem jiftakar illi hu professjonist, u mhux negozjant. In-negozjant mill-ewwel jara l-interessi finanzjarji tieghu, mentri l-professjonist irid l-ewwel jassigura l-interessi tal-klient, u l-aspett finanzjarju jitqies wara.

L-Artikolu 122 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:-

> "L-avukat jew il-prokuratur legali illi, wara li jkun ga` beda jiddefendi wahda mill-partijiet, fl-istess kawza, jew f'kawza ohra li fiha tkun imdahhla l-istess kwistjoni u interess, ighaddi, kontra l-istess parti, jew kontra l-persuni li jkollhom jeddijiet minnha, minghajr il-kunsens ta' dik il-parti jew ta' dawk il-persuni, ghad-difiza tal-parti l-ohra, jehel, meta jinsab hati, il-piena tal-multa, u l-interdizzjoni temporanja mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu, ghal zmien minn erba' xhur sa sena."

Dan l-abbuz mill-avukat hu meqjus bhala delitt mill-Ligi Penali taghna. Il-Ligi trid ukoll tassigura illi l-avukat fl-ezercizzju tad-dmirijiet tieghu ma jabbuzax mill-klient kontra l-interessi tieghu. Infatti, l-Artikolu 123 tal-Kodici Kriminali jirriferixxi ghat-tradiment ta' l-interessi tal-klient mill-avukat. Ighid hekk:-

> "(1) L-avukat jew il-prokuratur legali li jittradixxi l-interessi tal-klient tieghu, b'mod illi, minhabba l-ghemil jew nuqqas qarrieqi tieghu, il-klient jitlef il-kawza, jew jitlef xi jedd bil-preskrizzjoni, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa tmintax-il xahar, u l-interdizzjoni perpetwa mill-ezercizzju tal-professjoni tieghu."

Punti ohrajn li nhoss li ghandi nsemmi brevement, huma meta l-avukat jigi mitlub ikun depozitarju ta' xi flus li l-klient, u anke f'certi kazijiet, il-parti l-ohra, jitolbuh izomm ghandu. F'tali sitwazzjonijiet, l-avukat ghandu, fl-ewwel lok jassigura li s-somma depozitata ghandu jkollha skop u raguni lecita, u fit-tieni lok, li din tinzamm f'kont jew depozitu bankarju. L-avukat ghandu dejjem jiftakar illi jekk xi haga jew somma li tigi fdata lilu, isir minnha uzu differenti minn dak moghti, l-avukat jista' jkun soggett biex iwiegeb ghad-delitt ta' approprjazzjoni indebita, anke bl-aggravju li tikkontempla l-Ligi.

Il-punt l-iehor hu l-preparazzjoni tal-klient biex jiddeponi l-Qorti, kif ukoll il-

preparazzjoni tax-xhieda li hu behsiebu jressaq fil-kaz. Issib, fil-prattika, lil hafna minn dawn ix-xhieda li meta tkellimhom l-ufficju, ighidulek "*kif tghidli int, nghid*". L-avukat ghandu mill-ewwel jispjega lil tali persuna li dak li qed jigi mitlub minnu, hu skorrett u illegali. Ebda avukat ma ghandu jghid lil xi hadd x'jixhed, izda ghandu jghinu kif ghandu jispjega fit-testimonjanza tieghu, il-verita` tal-fatti. L-ezami jew il-kontro-ezami tax-xhieda hija arti. Id-domandi jsiru, mhux biex tisma' lehnek il-Qorti, izda sabiex tohrog certi *facts in issue* illi l-avukat jista' juza favorevolment fit-trattazzjoni finali tal-kaz. Ghalhekk l-importanza tal-preparazzjoni tax-xhieda.

## 2. Principji ta' Etika rigwardanti ir-relazzjoni bejn l-avukat u l-avukati kollegi tieghu.

Sew jekk l-avukat avversarju jkun avukat tar-Repubblika ta' Malta, jew avukati ohrajn fl-ezercizzju tal-prattika privata, l-avukat ghandu jifhem illi dawn, fil-funzjoni li jkunu qeghdin jezercitaw, ikunu qeghdin jagixxu fl-ahjar interess tal-klient taghhom. Dan qed jinghad, ghaliex fil-bidu tal-karriera professjonali, l-avukat itendi illi jinterpreta l-kaz, b'mod personali. Ma jkollux l-esperjenza necessarja illi jkollu s-sabar jisma' t-trattazzjoni tal-kollega li jkun qed jidher ghall-parti l-ohra. Jista' jigri wkoll, li hafna drabi, jibda jinterrompih, u fil-battibekki li jinqalghu, tista' anke tisma' kummenti ta' natura personali, ghaddejjin bejn avukat u iehor. Dan ma ghandux ikun. Il-korrettezza, kortesija u lealta' professjonali bejn il-kollegi hija ferm importanti.

Jista' jigri wkoll, fil-prattika, illi l-klienti ta' l-avukat, ghaliex jaraw li l-avukat tal-parti l-ohra ikun tajjeb f'xogholu fl-interessi tal-klient tieghu, jibdew ighaddu kummenti biex imaqdru lil dak l-avukat l-iehor. Avukat, in lealta' mal-kollega tieghu, ghandu jwiddeb mill-ewwel lill-klient tieghu, u jfissirlu li l-avukat l-iehor qieghed jaghmel xogholu skond il-Ligi. Avukat m'ghandu qatt, biex jidher sabih mal-klient, jinkoraggixxi lill-klient biex imaqdar jew ighid kontra avukat iehor.

F'certu sens, f'kawzi kriminali quddiem il-Qorti Istruttorja jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Pulizija Ezekuttiva bhala prosekuturi, huma wkoll kollegi. Jista' jigri illi jkollok xi spettur tal-Pulizija li jkun qieghed jinvestiga xi kaz, li jibda jhajjrek biex ighaddilek xi kazijiet. F'uhud minnhom anke forsi jissuggerixxi li jekk il-klient li jkun ghaddielek jammetti, ma jinsistix ghal xi sentenza karcerarja. Avukat ma ghandu qatt

jaqa' f'din in-nasba, u anke r-regoli tal-Kodici, ma jippermettux dan.

Fir-relazzjonijiet li jkollok ma' avukati ohrajn, jista' jigri illi, xi kultant, wara li tkun ikkonsultajt mal-klient, taghti l-kelma tieghek u l-assikurazzjoni lill-avukat l-iehor, minn xi stat ta' fatt. Tista', per ezempju, tassikurah illi l-flus reklamati mill-klient tieghu, qeghdin ghandek. Avukat ghandu dejjem jara illi l-assikurazzjoni li jaghti avukat iehor, hija veritjera. Ma jistax, per ezempju, fil-kaz li gibna, ighidlu li jkollu l-flus ghandu, l-avukat l-iehor icedi l-kawza, u l-fatt li jkollu l-flus ghandu, ma jkunx veru.

Regola 2 tal-Kapitolu 2 tal-Kodici ta' Etika jistipola li avukat m'ghandux jitratta direttament ma' parti ohra, meta din il-parti tkun qabbdet avukat, hlief bil-kunsens ta' l-istess avukat. Jista' jigri, fil-prattika, illi inti tkun qed tikteb lill-avukat tal-parti l-ohra, pero' dan, ghal xi raguni jew ohra, jibqa' ma jwiegbekx fi zmien ragonevoli. F'din l-eventwalita', il-Kodici ta' Etika jaghti d-dritt lill-avukat li jikteb direttament lill-parti l-ohra.

Finalment, kull avukat huwa fid-dmir li jirrapporta lill-Kamra ta' l-Avukati kull ksur serju tal-Kodici minn avukat iehor.

Nispera illi koprejt hafna mill-punti relevanti tas-suggett, u nistenna illi fiz-zmien ta' diskussjoni, ikun hemm domandi fejn inkunu nistghu nespandu aktar.

## REFERENCES

[1] "Paper" ipprezentata f'"Seminar" organizzat mill-"Law Society" fl-Awla Magna, Universita' Antika, l-Belt Valletta fit-3 ta' Marzu, 1999 fil-5.30p.m.